**FEDERAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI**

**KONFERENZA STAMPA**

**IS-SIBT, 29 TA' NOVEMBRU 2008 – BUSKETT ROADHOUSE**

# L-INSIB – TRADIZZJONI SOĊJO-KULTURALI TAN-NASSABA MALTIN U GĦAWDXIN

Sinjuri,

Nirrigrazzjakhom u nilqakom għal din il-Konferenza Stampa li ġejt inkarigat jien, Raymond Cordina, biex nindirizza bħala membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) l-aktar peress li jien nassab tal-għasafar tal-għana biss, mentri l-bqija tal-membri tal-Kunsill jew huma nassaba wkoll ta' speċi oħra jew huma kaċċaturi biss jew huma kemm kaċċaturi kif ukoll nassaba. Jien, jekk titneħħilhi din il-passjoni nkun tlift parti sostanzjali minn ħajti, u bħali, hawn ħafna eluf oħra.

Għalhekk nibda biex ngħid li din il-problema dwar l-insib mis-sena d-dieħla kellha tikkonċerna proprju l-insib tal-għasafar tal-għana BISS u mhux insib ieħor għal speċi oħra bħal gamiem, summien, pluvieri u mlivezz, kif jidher li qed jagħti ndikazzjoni l-Gvern ta' llum. Fil-fatt in-negozjati ħżiena u l-ftehim ħażin li kienu saru ma' l-Unjoni Ewropea, apparti dawk ħżiena wkoll rigward il-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa, kienu jirrigwardaw l-insib għas-seba' speċi tal-għana BISS, u mhux rigward l-insib fuq l-ispeċi l-oħra li semmejna li huma kklassifikati bħala speċi kaċċabbli fl-Annes II tad-Direttiva tal-Għasafar. U nibqgħu nsostnu dan peress li jibqa' l-fatt li kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' jagħżel hu liema metodi jippermetti biex ikunu jistgħu jinqabdu saħansitra t-tmenin speċi li huma elenkati f'Annes II tad-Direttiva bħala kaċċabbli.

Hawnhekk għalhekk, nerġa nirrepeti dak li minn dejjem stqarret l-FKNK, li aħna qatt ma konnha kontra s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, pero' biss assolutament ma qbilniex ma' kif u minn min kienu saru n-negozzjati, u mal-ftehim li finalment intlaħaq rigward it-tradizzjonijiet soċjo-kulturali tagħna l-Maltin u Għawdxin tal-kaċċa u l-insib. Kif ukoll meta, għal kuntrarju tal-wegħda bil-miktub li kien tagħna l-Prim Ministru ta' llum, Dr. Lawrence Gonzi, l-FKNK tħalliet barra għal kollox mill-fażijiet finali tan-negozzjati u meta kien wasal biex jintlaħaq il-fethim.

Meta kien sar il-ftehim, partikolarment rigward l-insib tal-għasafar ta' l-għana fl-2002 l-FKNK kienet wissiet b'kull mezz għad-dispożżizjoni tagħħa li dan kien ħażin u li seta' jwassal għal abolizzjoni totali ta' din il-prattika li ilha fl-eruq tagħna minn żmien iż-żmien. Pero' ġara li aħna ġejna ttimbrati giddieba u xewwiexa, saħansitra minn ħafna nassaba. Sa' llum stess, meta ninsabu f'xifer l-irdum għad issib nassaba li jgħidulek, "hux mhux ser nonsbu mis-sena ddieħla!".

Fl-2002 u 2003, kont tisma nassaba jgħidu li sal-2008 nilħqu nirranġaw xi ħaġa, oħrajn li kienu jaħsbu li din is-sena ma tasalx ukoll, u oħrajn li kienu dakinhar jaraw is-sena 2008 il-bogħod ħafna. Pero', l-maġġior parti tan-nassaba, u minn banda ma n'tuhomx tort sa barra, kienu b'għajnejhom mgħaluqa qed jemnu, jew riedu jemnu biss dak li kien qed jgħidilhom il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern u xejn minn dak li konna qed ngħidu aħna. Ma n'tuhomx tort sa barra peress li wara kollox aħna x'aħna fejn l-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Dr. Joe Borg, illum Kummissarju ta' Malta tal-Unjoni Ewropea, meta dan anke bil-miktub apparti diversi stqarrijiet pubbliċi oħra, ddikjara li l-insib mhux ser jispiċċa wara ħames snin; aħna x'awtorita' aħna ħdejn l-Awtorita' tal-MIC (Malta-EU Information Centre), dak iż-żmien immexxija minn Dr. Simon Busuttil, illum MEP – l-Awtorita' li ppubblikat tant fuljetti ta' nformazzjoni rigward l-Unjoni Ewropea u kif l-insib ser jibqa' b'Malta Membru Stat tal-istess Unjoni; aħna min naħsbu li aħna meta l-Prim Ministru ta' Malta Dr. Eddie Fenech Adami, illum l-Eċċelenza tiegħu l-President ta' Malta, uffiċjalment u mill-Uffiċju tiegħu f'Kastilja jibgħat mhux ittra waħda personali, iżda saħansitra tnejn, fid-djar privati ta' il fuq minn 17,000 familja Maltin u Għawdxin kaċċaturi u nassaba, f'liema ittri fost ħafna wegħdiet oħrajn iggarantixxa l-futur ta' l-insib ukoll. Ħafna minn dak li għadni kemm għidt jinsab esebit fuq il-posters li tistgħu taraw f'din il-kamra, u jien nista' nibqa' sejjer bid-diversi wegħdiet li kienu saru mill-bqija tal-Membri Parlamentari u diriġenti oħra tal-Partit Nazzjonalista u mill-istess Partit, pero' ser nieqaf hawn. Illum jidher biċ-ċar li l-FKNK qatt ma kienet gidbet jew xewxet, imma kif dejjem għamilna konna nwasslu BISS il-VERITA'.

Għalhekk ukoll is-suspetti ħżiena li bdew jiġu lill-FKNK rigward jekk il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern kienx vera jrid iżomm ħajjin it-tradizzjonijiet tal-kaċċa u l-insib għal sezzjoni mhux żgħira tal-poplu tiegħu kif kien jigħid u jwiegħed, żdiedu meta l-istess FKNK pubblikament talbet lil Prim Ministru jinvestiga n-negozjatur prinċipali mqabbad apposta fuq dan is-suġġett, ma l-Unjoni Ewropea u jekk dan kienx mexa skond il-"brief" li kien ordnalu, kif kien qed jistqarr li għamel, l-istess Gvern. F'Mejju tal-2007, dan in-negozjatur ma ddejjaqx jikteb pubblikament fejn indirizza lil Dr. Simon Busuttil rigward il-qerq li hu jaf bih li seta' seħħ waqt in-negozjati, u sallum, sena u nofs wara, ħadd għadu ma talbu jgħid x'kien il-qerq, li fl-opinjoni tagħna l-pubbliku nġenerali għandu d-dritt ikun jaf bih. Dan l-aħħar ukoll u bil-ġurament l-istess negozjatur, li kien impjegat mill-Gvern biex jinnegozja l-kaċċa u l-insib ma l-Unjoni Ewropea, stqarr dak li jħoss kontra d-delizzji. Minkejja dan u iżjed li nistgħu ngħidu rigward din il-persuna, kif ukoll minkejja it-talba tagħna lill-Prim Ministru li għidni kif semmejt, sallum il-ġurnata ma jidhirx li l-Prim Ministru talab tali investigazzjoni, u għalhekk aħna ser nibqgħu ninsistu fuqha biex b'xi mod jew ieħor naraw li din isseħ anki fl-interess pubbliku.

Is-suspetti ħżiena rigward l-intenzjonijiet vera tal-Gvern komplew jeħżienu proprju dan l-aħħar meta fit-28 ta' Ottubru li għadda smajna bl-aħbar li l-Unjoni Ewropea ser tagħddi donazzjoni ta' €175,000 lil BirdLife (Malta) biex dawn jkunu f'pozizzjoni li jmexxu kampnja massiċċa ta' informazzjoni fuq sentejn kontra l-insib. Il-Gvern jidher li għal darb'oħra ser jinqeda' bill-BirdLife, li 'llum kullħadd

huwa konxju li dawn kull ma jimpurtahom hu li jeqirdu l-kaċċa u l-insib għal kollox minn pajjiżna u li jakkwistaw il-flus waqt li jagħmlu dan, u xejn iżjed. Dawn mhux vera li qedin biex jipproteġu l-għasafar u jaslu għal kollox biex jilħqu l-għan aħħari tagħħom kif għidt, inkluz b'gideb u anke velenu li qed ibellgħu lit-tfal innoċenti, fosthom tal-kaċċaturi u n-nassaba, u Alla jbierek il-Ministru tal-Edukazzjoni għadha ma sabietx ħin biex tiltaqa' magħna biex għall'inqas tismagħna.

Ngħidu li din il-kampanja ġejja mill-Gvern peress li jibqa' l-fatt li biex l-Unjoni Ewropea tgħaddi tali fondi, l-ewwel u fil-fatt għażla deċiżiva trid issir mill-Ministeru responsabbli tal-Pajjiż Stat Membru. F'dan il-każ tali deċiżjoni kienet ittieħdet dakinhar tal-applikazzjoni mill-Ministeru tal-Ministru George Pullicino.

Madankollu jibqa' fatt ieħor li anke fl-istess ftehim bejn Malta u l-Unjoni Ewropea, ħażin kemm hu ħażin, rigward l-insib tal-għasafar tal-għana, sar qbil li tali nsib għandu jibqa' jsir għal numru ta' għasafar limitat u taħt kontrol anke wara din is-sena. U hawn irridu nagħmluha wkoll ċara li l-FKNK bill-kollaborazzjoni sħiħa ta' l-fuq minn 10,000 membru mħallsa sa din is-sena qatt m'hi ser taċetta xi forma ta' insib taħt kwalunkwe titolu li jibqa' jsir minn xi ftit privileġġjati, kif qeda tiġri x'xnieha bħalissa. **Jew jonsob kullħadd jew ma jonsob ħadd**.

Nerġgħu lura għar-rigward id-donazzjoni li ser tingħata lill-BirdLife, u peress li 'llum ir-risponsabbilta' tal-Ministeru tal-Ambjent huwa tal-Prim Ministru, bilfors ikollna nindirizzaw ċertu mistoqsijiet lill-istess Prim Ministru:

- Onorevoli Prim Ministru, għadhek illum tapprova tali kampanja li wara kollox tmur anki kontra l-ftehim li l-Gvern tieghek għamel ma l-Unjoni Ewropea?
- Allura kien l-istess Ministeru tal-Ambjent li m'approvax applikazzjoni ta' l-FKNK għal fondi mill-istess Unjoni Ewropea?
- Inti konxju mid-dwejjaq u dbagħtija li tista' tikkaġuna lil fuq minn 8,000 familija ta' nassaba, Maltin bħalhek, ftit ta' xhur biss wara dak li għaddew minnu matul ir-rebbiegħa li għaddiet il-fuq minn 15,000 familja oħra kaċċaturi u nassaba, għal darb'oħra Maltin bħalhek?
- Għalfejn qiegħed tibgħat 'stereo-typed' risposti lin-nassaba li qed jiktbulek u tgħidilhom li skond il-ftehim mall-Unjoni Ewropea l-insib irid jieqaf mis-sena d-dieħla, meta taf li dan mhux minnu?
- U jekk temmen dak li qed tikteb illum, għaliex m'għidtilhomx hekk lin-nassaba qabel ir-referendum u l-elezzjoni ġenerali tal-2003?
- Għaliex qed tippermetti li l-Kummissarju tal-Pulizija ma jsegwix il-Liġi u jipproċessa l-applikazzjonijiet għal liċenzji ġodda ta' l-insib kif kellu jibda' jsir minn din is-sena?
- Xi skuża ta' insib illegali ser iġġib lill-poplu nġenerali fuq l-istess binarji tal-iskuża ta' kaċċa illegali, biex tfehemhom għalfejn l-insib għandu ukoll jieqaf?
- Għalfejn qed tippersisti bill-metodu li meta jkollok problema tkun trid taqtala' rasha anke billi timponi kastig kollettiv?
- Min qed imexxi l-pajjiz, int jew il-BirdLife?

Kif ukoll

- Għalfejn għanda l-Unjoni Ewropea tgħaddi tali flus għal kampanja kontra l-insib li tmur kontra l-fehim li għanda l-istess Unjoni Ewropea ma' Malta?
- Din hi d-difiża tad-drittijiet tal-minoranzi li l-Unjoni Ewropea tant tiftaħar li tħaddan fil-prinċipji tagħha?
- Dan hu kif l-Unjoni Ewropea tberbaq it-taxxi mħallsa miċ-ċittadini Ewropej?
- L-Unjoni Ewropea hija possibilment daqstant infiltrata minn estremisti li lanqas biss jimpurtaha tibqax konsistenti mal-ftehim li tkun għamlet hi stess?

Peress li kif għidna biex l-Unjoni Ewropea tgħaddi fondi simili l-ewwel rid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Gvern Malti, l-istess Gvern Malti huwa fid-dover li jfiehem lill-poplu Malti, partikolarment lin-nassaba Maltin u Għawdxin il għala jidher li jrid jagħmel tali 'U-turn'. Dwar dan kollu l-FKNK kitbet lill-Prim Ministru fit-12 ta' dan ix-xahar stess, pero sallum kull ma irċevejna kienet acknowledgement ta' l-ittra bid-data tal-14 ta' Novembru. Ser ngħaddulkom ukoll kopja ta' din l-ittra fl-aħħar ta' din il-Konferenza.

L-agħar li jista' jiġri hu li nibqgħu nitkelmu fuq passjoni politika minflok il-passjoni tal-kaċċa u l-insib, għax b'hekk jitpaxxew biss l-awtoritajiet. Għalhekk issa, u sabiex ħadd ma jaħseb, inkuz in-nassaba, li l-FKNK qed tindirizza din il-Konferenza biss biex tfiehem il-problema u li l-istess FKNK ma kienet qegħda tagħmel xejn dwar l-insib, illum stess ser nippreżentaw dossier lil-Gvern u lil-Oppożizzjoni li fih proposti konkreti anke ġodda, b'soluzzjonijiet sodisfaċenti u nkonformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, liema proposti jistgħu jitpoġġew fil-prattika minn kwalukwe Gvern t'issa u fil-futur biex jiggarantixxu ż-żamma tat-tradizzjoni soċjo-kulturali tan-nassaba Maltin u Għawdxin għaldaqstant żmien fil-ġejjini daqs kemm ilhu jkun ppratikkat b'tant passjoni l-insib fil-gżejjer tagħna. Qabel inkompli nispjega xi ħaġa mid-dossier, irridu ngħidu kemm lil Gvern kif ukoll lil Oppożizzjoni li dan għadu miftuħ għal aktar diskussjonijiet, suġġerimenti, eċċ.

- Is-soluzzjonijiet sodisfaċenti jinsabu fid-dossier għal ftehim li l-Unjoni Ewropea għamlet ma Malta rigward it-trobbijja u t-tnissil ta' l-għasafar fil-magħluq, għaldaqstant soluzzjoni kemm għal Malta kif ukoll għal Unjoni Ewropea;
- Għal diversi wegħdiet, kemm politiċi kif ukoll uffiċjali magħmula lin-nassaba;
- Versu l-integrita' ta' l-awtorita' tal-MIC u dik tad-diversi diriġenti nkluz l-għola diriġenti ta' pajjiżna;
- Partikolarment għal eluf ta' familji tan-nassaba, speċjalment għal dawk li emnu li l-insib mhux ħa jintmiss bis-sħubijja ta' Malta ma l-Unjoni Ewropea;
- U fl-aħħar nett għall-FKNK

Peress li parti mill-proposti jinkludu ukoll kontribuzzjoni għal studji dwar il-migrazzjoni ta' l-għasafar bil-mezzi tal-birdringing ser nghid issa xi ħaġa rigward dan.

F'Malta il-bird ringing isir minn biss inqas minn 20 ruħ, l-aktar li jsir fi ftit weekends u dejjem minn ġo l-istess ftit postijiet. Apparti dan u minkejja l-libertajiet kollha li jgawdu dawn il-bird ringers bi ftit restrizzjonijiet u enfurzar, għal min ma jafx, nispjega li dawn jistgħu jaqbu l-għasafar bix-xbiek ipprojbiti għall-użu minn nassaba, jistgħu jonsbu s-sena kollha lejl u nhar, m'għandhomx closed seasons, jistaghaw jonsbu fejn iridu, anke f'santwarji ta' l-għasafar u jistgħu jaqbdu kwalunkwe speċi ta' għasfur, xejn m'hu protett. Madankollu, bil-metodi tagħhom, ftit li xejn jaqbdu l-ispeċi li jaqbdu n-nassaba minkejja r-restrizzjonijiet u enfurzar li dawn għandhom. Għalhekk ukoll studji rigward dawn l-ispeċi tal-għasafar ftit li xejn jista' jsir.

Għalhekk b'parti mill-proposta tad-dossier, fejn jonsbu il-fuq minn 4000 nassab, kulljum fl-aqwa żmien tal-passa u madwar il-gżejjer kollha ta' Malta u Għawdex, jibda jsir bird ringing vast ħafn'iżjed b'riżultati ta' studji xjentifiċi u relevanti dwar speċi oħra ta' għasafar. Fill-fatt irridu nżidu hawn li m'hihiex xi ħaġa ġdida li n-nassaba jeħilsu għasafar li ma jkollomx użu għalihom, bħal ġojjini nisa, l-unika differenza tkun li dak l-għasfur jittlibbislu ċurkett magħmul apposta qabel jinħeles.

Wara din il-Konferenza aħna ser neħilsu għasafar li inqabdu min-nassaba Maltin u Għawdxin matul din il-passa, fosthom ġojjini, mlivezz, gamiem u pluviera li ġew irringjati bi ċrieket innumerati u li huma ukoll immarkati bl-ittri u numri FKNK MT 2008. Hawn irridu nappellaw lin-nassaba li jekk jaqbdu xi wieħed minn dawn l-għasafar biex jerġaw jeħilsuh, u lill-kaċċaturi li jekk jaqbdu xi wieħed minn dawn l-għasafar biex jgħaddu ċ-ċurkett b'aktar dettalji lill-FKNK.

Il-ġimgħa d-dieħla ser ukoll ngħaddu ftit għasafar tal-għana minn dawn, għall-proġett tal-Gvern fl-Għammieri ta' trobbija u tnissil fil-magħluq.

Nagħlaq din il-Konferenza billi ngħid li aħna m'aħna nitolbu xejn iżjed milli hu d-dritt tagħna wkoll bħala ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Aħna m'aħniex ċittadini tat-tieni klassi fl-Unjoni Ewropea, u la ċittadin ieħor tal-istess Unjoni Ewropea, kif stajtu taraw fid-DVD bħal l-Ispanjoli Manuel Alba u Prudenzio Loreno, jistgħu jonsbu liberament għall-istess speċi tal-għana u bl-istess metodi, l-istess għandi nipprettendi li nibqa' nonsob jien, Raymond Cordina, u n-nassaba kollha Maltin u Għawdxin, ilkoll ukoll ċittadini tal-Unjoni Ewropea. L-istess kif ukoll jonsbu it-Taljani, l-Awstrijaċi u l-Franċiżi, fost ċittadini tal-Unjoni Ewropea oħra.

Kif nispera li spjegajt tajjeb, aħna s-soluzjonijiet sodisfaċenti qegħdin noffruhom lil min fl-aħħar mill-aħħar iħoll u jorbot u nutili li n-nassaba jibqgħu jistaqsu lilna jekk hux sa jonsbu mis-sena d-dieħla.

Madankollu, nassiguraw mhux biss lin-nassaba kollha Maltin u Għawdxin iżda lill-kaċċaturi kollha wkoll, li aħna bħala FKNK bikhom magħqudin magħna ser nibqgħu nagħmlu dak kollu possibbli għall-futur tan-namra tradizzjonali tagħna tal-kaċċa u l-insib.
Nirringrazzjakhom.